32005R0078

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 78/2005

tad-19 ta' Jannar 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 rigward metalli ta' densità għolja (heavy metals)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat lit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistipula l-proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) ta' dan,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 [2] jistabbilixxi livelli massimi għal ċertu kontaminanti f'oġġetti ta' l-ikel. Dawn il-miżuri, kif speċifikament emendati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 221/2002 [3], jinkludu livelli massimi għall-metalli ta' densità għolja li huma ċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju.

(2) Hu essenzjali, sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika, li l-kontaminanti jinżammu f'livelli li ma jkunux ta' periklu għas-saħħa. Il-livelli massimi għaċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju jeħtieġ li jkunu żguri u baxxi daqs kemm wieħed jista' jbaxxihom raġonevolment (ALARA) u bbażati fuq manifattura tajba u prattiċi tajba ta' agrikoltura u sajd. Fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida dwar il-possibbiltà ta' kisba ta' livelli massimi f'ċerti speċi akwatiċi hu neċessarju li jiġu riveduti d-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 466/2001 għal dawn il-kontaminanti f'ċertu ikel. Id-dispożizzjonijiet riveduti jżommu livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-konsumatur.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 għandu jiġi emendat għalhekk.

(4) Il-miżuri li hu provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 466/2001 hu emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, nhar id-19 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 77, 16.3.2001, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 684/2004 (ĠU L 106, 15.4.2004, p. 6).

[3] ĠU L 37, 7.2.2002, p. 4.

ANNESS

Sezzjoni 3. ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 466/2001 hu mmodifikat kif ġej.

1) F'dak li jirrigwarda ċ-Ċomb (Pb), punti 3.1.4., 3.1.4.1. u 3.1.5. huma mibdula bil-punti li ġejjin:

	Prodott	Livell Massimu (mg/kg piż imxarrab)	Kriterji ta' eżekuzzjoni għat-tehid tal-kampjuni	Kriterji ta' eżekuzzjoni għall-metodi ta' l-analiżi
"3.1.4.	Laħam tal-muskoli tal-ħut (1), esklużi speċi mniżżla f' 3.1.4.1.	0,20	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE
3.1.4.1.	Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej (1) (2): *(Pomadasys benneti)* Lingwata (*Dicologoglossa cuneata*) Mulett(*Mugil labrosus labrosus*) Sallura (*Anguilla anguilla*) Sardin (*Sardina pilchardus*) Sardin (*Sardinops species*) Sawrell (*Trachurus species*) Spnott (*Dicentrarchus punctatus*) Xirgien (*Diplodus vulgaris*)	0,40	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE
3.1.5.	Krustaċji, eskluż laħam kannella tal-granċ u eskluż il-laħam tar-ras u tat-toraċi ta' l-awwista u krustaċji kbar simili (*Nephropidae* u *Palinuridae*)	0,50	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE

(1) Fejn il-ħut hu intenzjonat li jittiekel sħiħ, il-livell massimu għandu japplika għall-ħuta kollha.

(2) Ħut u prodotti tas-sajd kif definiti fil-kategoriji (a), (c) u (f) tal-lista ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22)."

2) F'dak li jirrigwarda l-Kadmju (Cd), punti 3.2.5. u 3.2.5.1. huma mibdula bil-punti li ġejjin u punt ġdid 3.2.5.2. hu miżjud:

	Prodott	Livell Massimu (mg/kg piż imxarrab)	Kriterji ta' eżekuzzjoni għat-tehid tal-kampjuni	Kriterji ta' eżekuzzjoni għall-metodi ta' l-analiżi
"3.2.5.	Laħam tal-muskoli tal-ħut (1) (2), esklużi speċi mniżżla f'3.2.5.1. u 3.2.5.2.	0,05	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE
3.2.5.1.	Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej (1) (2): *(Luvarus imperialis)* Inċova (*Engraulis species*) Lingwata (*Dicologoglossa cuneata*) Mulett (*Mugil labrosus labrosus*) Plamtu (*Sarda sarda*) Sallura (*Anguilla anguilla*) Sardin (*Sardina pilchardus*) Sardin (*Sardinops species*) Sawrell (*Trachurus species*) Tonn (*Thunnus species, Euthynnus species, Katsuwonus pelamis*) Xirgien (*Diplodus vulgaris*)	0,10	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE
3.2.5.2.	Laħam tal-muskolu tal-pixxispad (*Xiphias gladius*)	0,30	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE

(1) Fejn il-ħut hu intenzjonat li jittiekel sħiħ, il-livell massimu għandu japplika għall-ħuta kollha.

(2) Ħut u prodotti tas-sajd kif definiti fil-kategoriji (a), (c) u (f) tal-lista ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22)."

3) F'dak li jirrigwarda l-Merkurju (Hg), punti 3.3.1. u 3.3.1.1. huma mibdula bil-punti li ġejjin:

	Prodott	Livell Massimu (mg/kg piż imxarrab)	Kriterji ta' eżekuzzjoni għat-teħid tal-kampjuni	Kriterji ta' eżekuzzjoni għall-metodi ta' l-analiżi
"3.3.1.	Prodotti tas-sajd u laħam tal-muskoli tal-ħut (1) (3)), esklużi speċi mniżżla f' 3.3.1.1.	0,50 mg/kg	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE
3.3.1.1.	Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej (1) (2):	1,0 mg/kg	Direttiva 2001/22/KE	Direttiva 2001/22/KE
	anglerfish (*Lophius species*)			
	(*Anarhichas lupus*)			
	Centroscymnes coelolepis)			
	(*Coryphaenoides rupestris*)			
	(*Hoplostethus species*)			
	(*Istiophorus platypterus*)			
	(*Lepidocybium flavobrunneum, Ruvettus pretiosus, Gempylus serpens*)			
	(*Orcynopsis unicolor*)			
	(*Sebastes marinus, S. mentella, S. viviparus*)			
	(*Tricopterus minutes*)			
	Barbun (*Lepidorhombus species*)			
	Fjamma (*Lepidopus caudatus, Aphanopus carbo*)			
	Ħalibut (*Hippoglossus hippoglossus*)			
	Kelb il-baħar (l-ispeċi kollha)			
	Lizz (*Esox lucius*)			
	Marlin (*Makaira species*)			
	Mulett (*Mullus species*)			
	Paġella (*Pagellus species*)			
	Pertriċa (*Lophius species*)			
	Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	Plamtu (*Sarda sarda*)			
	Rajja (*Raja species*)			
	Sallura (*Anguilla species*)			
	Tonn (*Thunnus species, Euthynnus species, Katsuwonus pelamis*)			

(1) Fejn il-ħut hu intenzjonat li jittiekel sħiħ, il-livell massimu għandu japplika għall-ħuta kollha.

(2) Ħut u prodotti tas-sajd kif definiti fil-kategoriji (a), (c) u (f) tal-lista ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22).

(3) Ħut u prodotti tas-sajd kif definiti fil-kategoriji (a), (c) u (f) tal-lista ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22)."